Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 322 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Stephen Borg**

Illum, 14 ta Novembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Borg, iben mhux maghruf, imwieled Pieta′ fit-12 ta′ Marzu, 1978, detentur tal-karta ta′ l-identita′ numru 155778M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli Nhar is-27 ta′ Marzu, 2009 u matul l-ahhar sena ta′ qabel din id-data gewwa Birkirkara u fi nhawi ohra f′ dawn il-Gzejjer, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta′ Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta′ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta′ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita′ moghtija mill-President ta′ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta′ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali mill-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort′ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija minghajr ma kellu licenzja

li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentenement emendati u bi ksur tal-Oridinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkometta dawn ir-reati fi, jew, gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Gunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-ordni tal-Avukat Generali u l-eventwali Kontro Ordni biex din il-kawza tigi determinata minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabet lil Stephen Borg hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, b' dan illi din hija kompriza u nvoluta.

Illiberatu pero mill-effetti tal-aggravanti tal-mitt (100) metru in kwantu dan ma gix pruvat, u mill-addebitu tar-recidiva ghar-ragunijiet gia' premessi. Rat fil-konfront tal-htija dikjarata ir-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kif ukoll 22(1), 22(1)(1B), 22(2) ta' l-imsemmi

Kapitolu 101, rat il-fedina penali tieghu, qieset il-hsara kbira li hu ghamel fl-operat tieghu u kif ghal tul ta' zmien hu kkontribwixxa lejn tkissir ta' hajjiet ta' nies, u kkundannatu ghal piena karkerarja effettiva ta' sitt (6) snin u kkundanatu ghal multa ta' tmint elef Ewro (€8,000), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Ordnat wkoll li l-flejjes u kull ma gie lilha esebit jigi konfiskat, kif ukoll ordnat d-distruzzjoni ta' kull haga lilha esebita li hija relatata mad-droga.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li l-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet elef sitt mija u tletin Ewro u tnax-il centezmu (€3,630.12), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga KB 338.2009.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephen Borg minnu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u cjoe' fit-tielet akkuza;

Thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabet lil appellant hati u cjoe fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Waqt it-tfittxija li saret fil-fond ' Kaya' Triq in-Naxxar, B' Kara, l-appellant innifsu *ma kienx prezenti!* Jigifieri kieku dato non concesso, l-ufficjal prosekutur, sab verament dak li immagina li jsib, dan kien ikun kollu inutile stante illi l-appellant li kontrieh inbdew procedure appellati, ma kienx prezenti u b' hekk setaw jintefaw ammonti ta` drogi jew oggetti ohra illeciti, fl-istess dar msemmija. Fic-cirkostanzi, anka mizien

misjub fl-istess fond ghandu jigi skartat fit-tehid tal-konsiderazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell.
L-istess mizien allegatament misjub fil-fond msemmi, ma nstabu ebda marki tas-swaba tall-appellant fuqu! Dan jikkonfermah il-process kollu fil-mori sas-sentenza appellata.

Ix-xhud Patrick Borg, kien akkuzat innifsu fi proceduri diversi, izda taht l-istess Ewwel Qorti kif preseduta, akkuzat bit-traffikar gravi; huwa kien ikkundannat seba snin prigunerija illum resi *res judicata* stante m' hemmx appell pendenti dwar l-istess kaz. Duncan Petroni persuna notorja flimkien mas-siehba tieghu, Sylvia Stanica, Rumena lkoll prezentament jiskontaw piena mdaqqsa ta` prigunerija gewwa l-Brazil, minn fejn dawn huma akkuzati illi ippruvaw johorgu mill-pajjiz (Brazil) 18 il-kilogramma kokaina. Petroni u Stanica, jghidu illi nefqu eluf ta` flus Lm (lira Maltija) mill-appellant! Jsegwi illi kif xehed l-appellant minn jeddu, inversament, kienu huma illi jbieghawlu l-istess droga u kieku it-tezi kienet treggi mill-lewn ir-raguni, kieku l-appellant ma kienx ikun assistit minn avukat ghall-ghajnuna legali IZDA minn tim ta` difiza maghrufa ghal kapacitajiet fil-kamp penali.

Issemmiet persuna ohra, Lorraine Vella, fejn mix-xhieda mressqa, jirrizulta illi din Vella instabu fuqa, 3500 euro kontanti, kiema flus ma kellhomx spjegazzjoni ghal origini taghhom. L-appellant ma nstab xejn flus jew oggetti illeciti kif juri l-istess mori tal-kawza. Dwar Petroni u Stanica, jammettu illi l-appellant kien f' certu okkazzjonijiet jippartecipa permezz ta` *sharing* maghhom fit-tipjip tad-droga kokaina. Dan certament cjoe sharing ma jikkwalifikax ghal-piena harxa ta` sitt snin prigunerija, izjed u izjed meta l-appellant ma irrendiex ruhu recediv kif turi l-istess sentenza appellata;

Jsegwu xhieda ohra, bhal, Mario maghruf bhala l-Giza, fejn iddepona b' gurament kif huwa kien jixtri droga huwa stess u gieli ikkunsmha flimkien mal-appellant Borg; dan jsegwi illi l-appellant ma forniex droga/i lil Mario l-Giza izda bhal ma ammetta l-appellant fix-xhieda tieghu, huwa ikkonsma droga u <u>mhux ipprokurha jew mexxieha!</u>

Ix-xhud Clifford Bonnici, stqarr illi jaf lil appellant billi l-appellant kien xtara vettura Smart minn Bonnici; l-istess Bonnici jistqarr illi kien jixtri d-droga kokaina minn certu Patrick Borg, persuna ignota mill-appellant u estraneja fil-kawza sucitata u mertu ta` dan l-appell; hawn jkomplu l-kobba mhabbla tad-diversi xhieda fejn fil-paniku jew intenzjoni kawzata b' necessita sabiex jirrangaw it-tgerfix papali taghhom, ittentaw b' gurament illi jitfaw kull tip ta` tajn fuq l-appellant izda fil-process li jaghmlu hekk deffsu izjed nies estranei ghal dawn il-proceduri u li il-prosekuzzjoni naqqset li tisttitwixxi proceduri kontrihom mhux kif ghamlet ma l-appellant ghar-ragunijiet li taf hija biss;

L-appellant fix-xhieda tieghu tfantas mhux ftit mal-ufficjal prosekutur Taliana, u dan stante illi skond l-appellant, l-ispettur Taliana kien midhla hafna tax-xhud Petroni Duncan, u li b' hekk spettur stazzjonat fid-distrett (haga li narament qatt sehhet), investiga kaz daqshekk serju fuq traffikar ta' kokaina. L-appellant kompla jelabora, kif certu xhud iehor Joe Camilleri, maghruf bhala ' Tusu' , kien l-izjed wiehed li bieghlu droga lil appellant, cjoe, l-esponent Stephen Borg jixtri matul medda zmien droga kokaina minn Camilleri maghruf bhala ' it-Tusu' ! Pero skantament, id-diskrezzjoni tal-pulizija f' dan il-kaz donna kienet wahda fejn ippuntat l-kanuni kollha fuq l-appellant bhallikieku kien l-appellant il-provistatur u l-persuna li arrikkat minn fuq d-diversi xhieda u terzi msemmija fil-mori tal-proceduri.

Il-buon sens t' osservazzjoni ta` kull persuna dettata b' raguni tipprovdi illi kieku l-appellant kien effettivament dak li verament ipprokura droga lil dan nies kollha, kieku certament kien jaffordja difiza mhux bhal ma kellu cjoe ghajnuna provduta mill-Istat!

Jkomplu il-gungla fil-provi tal-prosekuzzjoni fejn insibu kif certu, Chanelle Camilleri li tigi oht xhud iehor Joseph Camilleri kienet tixtri d-droga minn certu Andre! Dan Andre huwa persuna estraneja wkoll fl-atti sucitati u estraneju mall-appellant. Jissemma certu Patrick in-Noqqu minn Birkirkara, persuna wkoll estraneja mall-appellant, izda misterjozament huwa l-appellant biss illi kien akkuzat bl-imputazzjonijiet tat-traffikar tad-droga kokajina!!

Insibu kif dawn l-elenku shih ta` xhieda prodotti kollha mhumiex membri fil-Kleru Ekklessjastiku stante li kollha fi procedura institwiti mit-taqsima tal-Pulizija kontra Droga ghandhom fedina penali raffrettarja, izda l-appellant innifsu lanqas biss kien akkuzat b' recediva wahda!

L-Onorabbli Ewwel Qorti kienet iddecidiet kawza simili izda f' dan il-kaz partikolari l-imputat kien instabulu izjed minn 370 gramma kokajina apparti 3000 pillola ecstasy f' garaxx il-Gharghur. F' dawn il-proceduri l-imputat Richard Attard kien ikkundannat piena ta` sentejn prigunerija, izda l-appellant nonostante kontradizzjonijiet kollha msemmija u l-fatt li ebda droga ma nstabet fil-pussess tieghu jew hwejjgu, kien ikkundannat sitt snin prigunerija!

Illi it-tezi u maxim legis, *in dubbio pro reo* ghadu fis-sehh fil-kamp penali taghna u mhuwiex l-imputat li jrid jipprova l-innocenza tieghu izda il-livell ta prova mressqa tesgigi l-Ligi stess trid tissodisfa il-grad ta` lil hinn minn kull dubbju ragonevoli!

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Robert Vella, huwa u l-Ispettur Taliana kienu rcevew informazzjoni diskreta, bdew jahdmu u josservaw residenza bl-indirizz '83 Triq Naxxar, Birkirkara' li fiha kien jghix l-appellant[1];

[1] Skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Robert Vella datata l-14 ta' April, 2009 a fol 79.

2. Illi ttiehdu stqarrijiet guramentati u saret anke raid f'post gewwa Santa Venera u cioe' ghand Mario Farrugia u eventwalament fil-fond gewwa Birkrikara lil -prosekuzzjoni tallega li l-appellant kien jirrisjedi fih;

3. Meta saret it-tfittxija fir-residenza allegatament li kien jirrisjedi fiha l-appellant, l-appellant ma kienx prezenti izda kien hemm numru ta' persuni ohra fejn instabu affarijiet sinonomi mad-droga '*fosthom foil, pipi u karti tal-plastic zghar u anke imgharfa.*'[2] Instab anke mizien;

4. Quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm xhieda li xehdu li qasmu droga mal-appellant, ohrajn li xtraw id-droga kokajina minghand l-appellant u ohrajn li cahdu li xtraw droga minghandu;

5. Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti, b'mod partikolari ghal kredibilita o meno tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[3]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli*

[2] Skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Robert Vella datata l-14 ta' April, 2009 a fol 79.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[4]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [5]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[7]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Illi l-appellant jissottometti li *dato ma non concsso*, li l-ufficjal prosekutur sab verament dak li immagina li sab, dan kien ikun kollu inutile stante li l-appellant li kontrieh inbdew proceduri appellati, ma kienx prezenti u b'hekk setghu jintefaw ammonti ta' drogi jew oggetti ohra illeciti, fl-istess dar imsemmija. Skont l-appellant anke l-mizien misjub fl-istess fond ghandu jigi skartat fit-tehid tal-konsiderazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Jissottometti li fuq il-mizien ma nstabu ebda marki tas-swaba tal-appellant fuqu. Huwa jaghmel referenza ghal karattru tax-xhieda li xehdu u cioe' li huma akkuzati fi proceduri diversi, b'tnejn minnhom anke jiskontaw piena gewwa l-Brazil peress li pruvaw johorgu mill-pajjiz tmintax (18) -il kologramma kokaina. Din il-Qorti tissottolinea li hija marbuta tiddeciedi fuq il-provi kontenuti fl-atti u dan in linea mal-principju legali *quod non est in actis non est in mundo*. Filfatt ghalkemm l-appellant meta ghazel li jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed li '*Duncan Petroni nqabad bi tnax (12) il-kilo l-Brazil, ghadu l-Brazil hu u l-mara tieghu kollha, Patrick Mangion, mhux mangion ma nafx x'kunjomu, dawn li ghamluli l-istatement lili Sur Magistrata, kollha sabulhom id-droga u jien lanqas sabuli xejn.*', id-difiza ma ressqet ebda prova dwar dan.

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li kif l-appellant xehed minn jeddu, kienu huma li kienu jbieghawlu d-droga u li kieku it-tezi kienet treggi mill-lewn ir-raguni, kieku l-appellant ma kienx ikun assistit minn Avukat ghall-ghajnuna legali izda minn '*tim ta' difiza maghrufa ghal kapacitajiet fil-kamp penali.*' L-appellant fl-istess appell jerga jissottometti li kieku l-appellant kien effettivament dak li verament ipprokura droga lil dawn in-nies kollha, kieku certament kien jaffordja difiza mhux bhal ma kellu cjoe' ghajnuna provduta mill-Istat. Din il-Qorti f'dan ir-rigward tipreciza li matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant kien assistit minn

---

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1989;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;

Dr Joseph Giglio, Dr Gianella Demarco u minn Dr. Gianluca Caruana Curran u kien kien fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) skont il-verbal li jinsab a fol 642 li Dr Gianluca Caruana Curran kien informa lil Qorti li Dr Joseph Giglio kien irrinunzja ghal patrocinju tal-appellant u kien ghalhekk li l-Qorti f'dik is-seduta stess hatret lil Dr Yana Micallef Stafrace bhala Avukat ta' Ghajnuna Legali. Jirrizulta ukoll mill-atti li kien hemm problema ta' kommunikazzjoni ma dak iz-zmien Dr Yana Micallef Stafrace fejn l-appellant ma kienx jikkomunika maghha jew kien jikkomunika maghha l-ahhar hin. Ghalhekk is-sottomissjonijiet tal-appellant dwar ir-rapprezentanza legali tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma infondati ghall-ahhar.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti li Lorraine Vella instabu fuqha tlett'elef u hames mitt ewro (€3500) flus kontanti, li l-appellant ma nstab xejn flus jew oggetti illeciti. Li Petroni u Stanica jammettu li l-appellant kien f'certu okkazzjonijiet jippartecipaw permezz ta' sharing maghhom fit-tipjip tad-droga kokaina. Li *sharing* ma jikkwalifikax ghal piena harxa ta' sitt snin prigunerija, izjed u izjed meta l-appelant ma rrendiex ruhu recediv. Jissottometti li xhieda ohra bhal Mario maghruf bhala l-Giza iddepona li huwa kien jixtri droga huwa stess u gieli ikkunsmaha flimkien mal-appellant Borg, li jsegwi li l-appellant ma forniex droga/i lil Mario l-Giza izda bhal ma ammetta l-appellant fix-xhieda tieghu, huwa kkonsma droga u mhux ipprokurha jew mexxieha. Dwar dan, din il-Qorti tissottolinea li Mario maghruf bhala l-Giza ghalkemm issemma minn uhud mix-xhieda, kuntrarjament ghal dak li l-appellant jissottometti fl-appell tieghu, ma xehdtx quddiem l-Ewwel Qorti.

L-appellant jissottometti ukoll li Clifford Bonnici jistqarr li kien jixtri d-droga kokaina minn certu Patrick Borg. Fost sottomissjonijiet ohra, jghid li Chantelle Camilleri oht Joseph Camilleri kienet tixtri d-droga minn certu Andre, li jissemma certu Patrick in-Noqqu minn Birkirkara, persuna wkoll estranea, jghid li persuna wkoll estranea mill-appellant izda li l-appellant biss kien akkuzat bl-imputazzjonijiet ta' traffikar tad-droga kokaina. Fost sottomissjonijiet ohra, jissottometti li t-tezi u maxim legis, *in dubbio pro reo* ghadu fis-sehh fil-kamp penali taghna u mhuwiex l-

imputat li jrid jipprova l-innocenza tieghu izda l-livell ta' prova mressqa tesigi l-ligi stess trid tissodisfa il-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli.

Din il-Qorti sejra tibda biex tqis in succint il-provi saljenti sabiex tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li ghalkemm l-appellant ma instabx fl-indirizz fejn saret it-tfittxija, dan ma jfissirx li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ma gewx ippruvati. Patrick Borg fl-istqarrija li tinsab a fol 39 u mmarkata bhala Dok ET stqarr li '*Jien irrid nghid li kont nixtri id-droga minghand Stephen Borg li jghidulu il-Melliehi.*' Jghid li kien jixtri l-kokaina u li xtara hafna drabi, li ma jiftakarx kemm, kien jiltaqa fejn id-dar tieghu u anke Bahar ic-Caghaq fejn il-Caravan. Gieli xtara hamsa (5) u anke ghaxar (10) grammi, kien ihallas erbghin lira (LM40) ghal kull gramma u kien ilu jixtri minghandu dan l-ahhar sena. Din l-istqarrija ttiehdet fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament. Kien xehed ukoll li kien ibiegh droga lil Clifford Bonnici u li din id-droga kien igibha minghand Stephen. Meta Patrick Borg xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fix-xhieda tieghu qal li kien ihallas '*50 Euro jew Maltin dak iz-zmien*' izda fl-istqarrija kien qal li kien ihallas LM40 kull gramma. Sussegwentement ikkonferma li kien ihallas LM40.

Duncan Robert Petroni permezz ta' stqarrija rilaxxata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) qal li gieli xtara kokaina minghand Stephen, gieli anke mar wahdu jixtri u '*fl-ahhar anke kien igibli id-droga Kokaina id-dar imsajra u lesta.*' Hu spjega li l-indirizz ta' Stephen il-Melliehi huwa '*Kaya, Naxxar Rd, Birkirkara,*'. Ghal kull gramma kokaina kien izomlu '*Qisu bejn LM40 u LM60 lira*'. L-akbar ammont li qatt gabar minghandu kienu ta' ghaxar (10) grammi. Mistoqsi kemm nefaq flus b'kollox ghand il-Melliehi, wiegeb li '*Madwar ghoxrin elf liri Maltin fi flus u ogetti li tajtu b'kollox.*' Jghid li xtara l-ahhar droga minghandu inqas minn sena ilu, xi disa' xhur. Dam il-fuq sena jixtri minghandu. Waqt li kien qieghed jixhed sabiex jikkonferma l-istqarrija bil-gurament fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) li x'aktarx dam iktar minn sena jixtri minghandu pero' ma jistax jghid

ezattament kemm kien il-perjodu. Xehed ukoll li '*Nixtieq nghid pero' illi lbierah u cioe' wara li rrillaxxajt l-istatement u allura ghalhekk m hemm xejn fl-istatement li kont irrillaxxajt gie dan Stephen il-Melliehi ghandi u talabni tliet mitt euro fuq il-Kokajina li kien beghli u talabni dawn it-tliet mitt euro. Jiena fil-fatt ma tajthomlux.*' Duncan Petroni xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fl-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn din il-Qorti interpretat il-bidu tax-xhieda tieghu skont ma jirrizulta mit-traskrizzjoni bhala li x-xhud kien ezitanti biex iwiegeb ghal mistoqsijiet. Meta mistoqsi dwar dak li kien stqar fl-istqarrija qal fost affarijiet ohra '*Li kont inpejjep il-coke ma certu nies*', u li dawn in-nies kienu '*Stephen Borg, li konna nixxerjaw flimkien*'. Ma setghax jiftakar kemm il-darba gab droga minghand Stephen Borg. Jghid li kien jixtri gramma '*Gieli kuljum u gieli kull jumejn, ma kinitx regolari. Kont nixtrieha ghall-prezz ta' madwar LM40 u LM60, jiddependi*'. Dejjem '*coke*' kien jixtri, kien jaghtihielu trab jew imsajjra u dam jixtri minghand is-Sur Borg madwar sena. Jghid li anke minghand haddiehor kien jixtri, li mhux dejjem minghandu. Mistoqsi '*Tista tghidli kif sirt taf li s-sur Borg ibiegh id-droga?*' wiegeb '*Kont naf bih u qalli xi hadd iehor. Xi hadd iehor li kien jiehu bhali kien semmiehuli*' u dan hu Franco minn San Giljan. Jghid li mar ifittxu fil-bypass ta' Birkirkara kellu hanut tal-karozzi u qalli biex jixtri droga u s-Sur Borg qallu biex jghaddi iktar tard. Gieli anke mar id-dar ghandu u gieli gie ghandu d-dar wkoll. Xehed li '*jiena kellu l-vizzju li kont inpejjep il-coke bhalu u konna niltaqghu ghal dak l-oggett biss*'. Xehed ukoll li fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) ircieva telefonata minghand Stephen Borg mill-habs u qallu '*biex bhal speci nixhed sew kontrieh fil-Qorti*', '*Biex bhal speci noqghd attent kif nixhed fil-Qorti.*' In kontro-ezami fost affarijiet ohra kkonferma li gieli ha droga ma Stephen Borg, li xxerja kemm il-darba. Qatt ma kien hemm okkazzjoni fejn ix-xhud gab droga minghand haddiehor u xxerja ma' Stephen Borg. Izda meta mistoqsi jekk cert, qal li forsi iva gieli kien hemm il-kaz li gabha hu u xxerjha mieghu. Ikkonferma li d-droga kienu jpejjpuha flimkien. Jghid li jahseb li l-imputat kien jixtriha minghand Mario maghruf bhala l-Giza u li kienu jmorru jiltaqghu mieghu fit-triq ghax ghandu van pick up. Gieli cempel lil Stephen jghidlu biwx imorru jiehdu flimkien u gieli cempillu Stephen. Gieli kien jistenna lit-tfajla torqod, icempel lil 'Steve' u jmurlu hu u joqghodu jpejjpuha flimkien. Jikkonferma li kienu jaqsmu l-ispiza ta' xirja kokaina. Kien generalmetnt jitolbu biex igibilu l-kokaina lesta jigifieri msajjra. Jghid li jekk ser jixtri minghand haddiehor, mhux ser icempel lil Stephen '*biex jigi jixxerja mieghi*'.

Gieli xtara minghand Mario. Mistoqsi '*Jigifieri dan Stephen Borg jekk qed nifhem sew Sur Petroni, huwa l-persuna ma min inti kont tiehu d-droga*' wiegeb '*Ezatt*', li kien il-persuna ma min kien jixxerja d-droga u li kien jghinu minhabba d-diffikulta li kellu hu li ma setghax johrog minhabba t-tfajla. Induna li s-Sur Borg ghandu problema tad-droga ghax jekk ihares lejn ghajnejn, l-eye pockets jinduna li jkun jpejjep il-*coke*. Jghid li '*fil-bidu ma konniex nixxerjawha flimkien. Bdejna nixxerjaw flimkien wara.*' Gieli kien mieghu meta xtara minghand Mario u gieli tah il-mobile biex icempel lil din il-persuna. Xehed li gieli gab droga u ma haduhiex flimkien. Kien ihallas bejn LM40 u LM60. Kien jixtriha u jaqsam mieghu. Kien jixtriha l-istess prezz avvolja kienu jaqsmuha. Meta kien jghid lil Steve biex jiehodha mieghu jghid li '*Nahseb ghax forsi nibza' wahdi*', jikkonferma li wahda mill-effetti tal-kokaina hija l-paranoia. Ghalhekk din il-Qorti tifhem li ghalkemm kien hemm element ta' *sharing*, minn din ix-xhieda jirrizulta ukoll li l-appellant kien anke jbiegh droga lil Petroni u ghalhekk ma kinitx biss sitwazzjoni ta' zewgt' ihbieb jaqsmu droga bejniethom.

Sylvia Stanica s-siehba ta' Duncan Petroni, rrilaxxat stqarrija fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009). Din tinsab a fol 72 et sequitur tal-process. Mistoqsija minn fejn Duncan kien jixtri d-droga qalet li '*From Stepen il-Melliehi.*' Qalet li '*Sometimes I used to go with him to Bahar ic-Caghak, as he had a Caravan, we also used to go to his residence in Naxxar Road, Birkirkara, and very often he used to come to our residence both in Swieqi and Birkirkara.*' Mistoqsija '*How do you know that Stephen was actually selling drugs?*' wiegbet '*I used to see them in his hand (in a borza like this), and this drugs used to take them Duncan.*' Tghid li Stephen il-Melliehi kien ibiegh il-kokajina lil Duncan. Meta mistoqsija kemm il-pakkett kien igib Stephen lil Duncan wiegbet '*One Packet at time in front of me, but I remember also that one time he brought about 10 grammes in a bag and they smoke it together and they used my kitchen utensils to cook it ( this happened in my flat in Swieqi).*' Tghid li kien ihallas '*about LM43*' ghal kull gramma. Qalet ukoll li '*last evening Stephen came at our house in Birkirkara saying that Duncan owes him 300 Euros as he owes him money because he had bought drugs from the Caravan two Summers ago. He came together with his wife Chantell.*' Meta mistoqsija jekk gieli rat lil xi hadd fir-residenza ta' Stephen wiegbet li '*I know that we saw one called Zejtuni, once I saw Pacemon and one month ago I had a big fight with Duncan as Chantell told me Duncan owns them four thousand maltese liri, 10 boxes of candy gel, the money of the car*

*and also for the speakers. I fought with Duncan, and then that evening I went to her house and I saw her with the pipa and over there was Charmaine and her brother the 'Diner'. Charmaine was also smoking the pipa.*' Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009). Silvia Stanica xehdet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn qalet li '*Duncan. He started buying drugs from Stephen il-Melliehi*'. Tghid li '*Steve il-Melliehi started bringing drugs over to my house and even Duncan used to go at his residence and used to buy it.*' Mistoqsija '*How often did Stephen il-Melliehi as you are calling him actually got drugs into your house? And since when and what type of drugs are we talking about*'. Irreferiet ghal droga kokaina. Tghid li '*Duncan used to give him money for it.*' Li '*Duncan used to give money to Steve for the coke*', tghid li '*Like LM43 for a gram*'. Tghid li '*Somtimes I used to go with Duncan there and Duncan used to buy drugs from him*'. Tghid li Duncan ghandu tlett mitt ewro dejn ma' Stephen fuq droga li xtara zewg sjuf qabel u li Stephen qalilha li Duncan ghandu jaghtih erbat'elef liri Maltin (LM4000), ghaxar kaxxi ta' Candy Gel, flus ghal karozza u flus ghall-ispeakers.

Quddiem l-Ewwel Qorti giet ipprezentata vera kopja fotostatika ta' xhieda li Clifford Bonnici kien ta' f'kawza kontra Patrick Borg fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn ikkonferma l-istqarrija minnu rilaxxata li giet moqrija u traskritta kif jirrizulta minn din ix-xhieda, liema stqarrija innifisha izda mhijiex prezentati fl-atti tal-kawza odjerna. Huwa izda spjega li minn din l-istqarrija huwa ried ibiddel li l-flus tal-karozza ma hadhomx Patrick Borg izda hadhom wiehed Stephen il-Melliehi ghax jahseb li kellu jithallas hu. Meta mistoqsi '*Dan ibiegh id-droga wkoll?*' wiegeb '*Jista jkun.*' Mistoqsi jekk iva jew le, wiegeb li iva. Jaf li jbiegh id-droga '*Ghax ha l-flus tal-karozza*'. Ikkonferma li kien jixtri droga minghand *Steve* u dan ghal Frar u Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008). Lil Steve il-Melliehi sar jafu minn Birkirkara. Ikkonferma li kien jiltaqa ta' spiss.

Dan Clifford Bonnici ittella jixhed quddiem l-Ewwel Qorti fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn qal li lil imputat iltaqa mieghu xi ghaxar darbiet biex jixtri il-*coke* minghandu. Kien jiltaqa' Birkirkara hdejn id-dar tieghu. L-aktar li kien jixtri hames (5) grammi, kienu jkunu diga lesti mizuhin. Kien ihallas

disghin ewro (€90) kull gramma. Jghid li biegh karozza Smart biex ihallas lil Steve. Patrick Borg kien qallu biex imur ghand Stephen jekk irid id-droga.

Joseph Calleja xehed fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn ikkonferma li kien gie arrestat waqt li kien fid-dar ta' Stephen il-Melliehi u cioe' l-imputat. Li kien hemm Chantell, Lorraine u Natalino u li Lorraine kellha l-kokaina, kienet ser issajjarha. Hu ma kienx qed jiehu. Id-droga kien jixtrieha minghand Mario l-Giza u Lorraine mir-Rahal il-Gdid. Kienu jmorru bil-karozza ta' Stephen jixtru l-kokajina minghand Lorraine. Stephen kien jidhol jixtri u x-xhud kien jistennieh fil-karozza. Kienu jmorru d-dar tal-imputat fejn Stephen kien isajjarha. Ghalhekk mix-xhieda tieghu ma jirrizultax li dan ix-xhud kien jixtri droga minghand l-imputat.

Filfatt Joseph Calleja fix-xhieda in kontro-ezami fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) ikkonferma li qatt ma xtara droga minghand Stephen Borg. Meta mistoqsi ghala kien imur ghand Stephen wiegeb '*Jiena naf, kont mmur s'hemm hux*'. Meta mar ma' Stephen marru biex huma stess jixtru d-droga li huma stess kkunsmaw.

Persuna ohra li qalet li xtrat minghand l-appellant huwa Joseph Camilleri maghruf bhala 'Id-Diner'. Fl-istqarrija rilaxxata minnu fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) fost affarijiet ohra iddikjara li kien jiehu droga kokaina ghal xi tlett snin u kien jiehu kuljum. Mistoqsi minghand min kien jixtri din id-droga wiegeb '*Minghand Stephen, ma nafx x' kunjomu u jghidulu il-Melliehi, imma jien ma xtrajtx dik id-droga kollha minghandu.*' Xtara hafna drabi minghandu. Jghid li '*Xtrajt bi LM30,000 minghand il-Melliehi, biss biss meta bieghhejt it-taxi gie mieghi ghax kelli intih ammont ta' flus li bl-ezatt ma nafx kemm, dak iz-zmien kont strokjat.*' Kien anke tah Caravan ta' Bahar ic-Caghaq. Il-kokaina kien jixtriha mid-dar tieghu, f'Birkirkara faccata hemm Jimmy AutoDealer. Ma jafx minn fejn Stephen kien igib id-droga. Mistoqsi jekk Stephen kellux mizien wiegeb '*Kellu aktar minn wiehed, kellu wiehed griz u iehor iswed imma mhux tnejn f'daqqa. Jien ghamilt zmien nixtri minghandu kuljum u kont inkun kuljum hemm, gieli il-mizien tieghu ma kienx jahdimlu u kien jghidli biex intieh cans, icempel lill xi hadd li kien igiblu mizien iehor, nixtieq nghid li dan ma kontx naf min ikun ghax jien kont nibqa' gewwa.*' Jghid li '*Gieli xtrajt u tlaqt id-dar tieghi meta kien ikollu in-nies id-dar*

*tieghu u gieli bqajt nehodha ghandu.*' Jghid li mhux dejjem kien izomlu l-isess , '*daqqa LM30 jew LM35*'. Mistoqsi ghandx dejn ma Stephen, wiegeb li baqalu xi LM4000 dejn fuq droga. Jghid li '*Dak lili kissierli l-familja ghax anke mal-partner tieghi gellidni, imma kienu jaf li kien ikolli lira sew u kien jaqblilhom li jien nibqa' nixtri minghandu, dak anke gurnata qabel ma qbadtuh kont ghaddej fuq tal-linja insuq u tleghu hu u Chantelle minn hdejn id-dar taghhm u Stephen kien jaf li jien kont ili wieqaf, u pruvaw jrghu iwaqghuni ghax Chantelle bidet teqred li ghandha aptit gramma u x'hin qaltli hekk keccejthom minn tal-linja.*' Jghid li lil Stephen '*kont ilni nafu hafna xi ghaxar snin, imma mbaghad kien hemm persuna li qaltli li jkollu il-Kokaina u peress li kont diga niehu u avvicinajtu jien.*' Huwa kkonferma din l-istqarrija taht gurament. Huwa ma riedx jizvela l-ismijiet ta' nies ohra li kien jixtri d-droga minhabba li qal li diga sefa vittma ta' vendikazzjonijiet.

Meta dan Joseph Camilleri xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), ikkonferma li kien irilaxxa stqarrija fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) li kien ghazel li jigguramenta. Fost affarijiet ohra xehed li kien ipejjep il-hin kollu. Jghid li gieli dam hamest'ijiem lanqas jorqod u jumejn rieqed imbghad. Mistoqsi kif kien jghaddi l-flus lil Stephen wiegeb '*Daqqa kont inbiegh it-taxi, jkolli l-flus, inhallsu, gieli bid-dejn. Ghax tat-taxi minghand min xtrajtha kien jaf li kont niehu d-droga u allura beda jghidli oqghod bil-ghaqal u oqghod bil-ghaqal u allura l-flus beda jaghtihomli ftit ftit*'. Spjega li mhux xtara it-taxi izda li bghelu t-taxi lil wiehed miz-Zurrieq. Spjega li beda anke jbiegh il-propjeta'. Gie esebit konvenju. L-Ispettur Robert Vella fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) esebixxa tlett kuntratti ta' bejgh ta' Joseph Camilleri. Meta Joseph Camilleri rega xehed fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) prezenta kuntratt ta' bejgh u kkonferma li biegh art minhabba d-djun li kellu tad-droga.

Quddiem l-Ewwel Qorti giet ipprezentata vera kopja fotostatika ta' xhieda ta' Charmaine Camilleri moghtija fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) f'proceduri kontra Andre' Francois Buhagiar et fejn kienet xehdet dwar ir-relazzjoni li kellha ma' certu Andre u dwar il-vizzju ta' droga. Kienet inqrat stqarrija fejn kienet qalet i ma tixtrix minghand Stephen '*Ghax Stephen ma jbieghx bil-wahda.*' Carmela sive Charmaine Camilleri kienet irilaxxat stqarrija fil-wiehed u

ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) meta mistoqsija '*Imbghad allura kif ghamilt biex bdejt tmur ghand Stephen il-Melliehi?*' wiegbet '*Imbghad meta Patrick kien il-habs, kien hemm persuna li kien hadni ghandu, jien il-Stephen kont diga tlabtu biex nibda nixtri minghandu imma Stephen kien qalli 'ma nistax inbieghlek ghax ma rridx li huk ikun jaf li qed inbieghlek'. Meta nghid hija qed nirreferi ghal-Joseph Camilleri 'id-Diner'. Dan qalli hekk ghax dak iz-zmien hija kien qieghed jinqeda minghand Stephen u nghid li kien qed jonfoq eluf ta' flus ghand dan Stephen.*' Mistoqsija '*Allura la kien qallek li ma jridx ibieghlek, int kif xorta mort tfitxu lil Stephen?*' wiegbet '*Ghax peress li ma stajtx nixtri minghand in-'Naqqu' peress li kien gewwa, u dak iz-zmien kont dhalt il-prorgramm Santa Marija u kif hrigt iltqajt ma persuna li hu hadni ghand il-Melliehi u bdejt immur inpejjep id-dar ta' 'Stephen'*. Mistoqsija '*Allura imbghad int bdejt tixtri minghand Stephen il-Melliehi?*' u wiegbet '*Le, jien qatt ma xtrajt minghand Stephen, diga ghidtlek, jien dan ma kienx irid ibiegh lili peress li kien jaqdi sew lill hija, u meta hrigt mil-programm Stephen kien jilqa' in-nies id-dar tieghu, u kien isajjarha Stephen stess, u anke kien jiftahar li kien l-aqwa wiehed biex isajjarha. Imma biex nghid ezatt id-droga li kont inpejjep ghand Stephen ma kienetx tkun ta' Stephen, ghax dak iz-zmien Stephen kien diga fallut u allura haddiehor kien igib id-droga Kokainna u hu u Chantelle kienu jithalsu billi jiehdu in-nifsijiet mil-pipa.*' Mistoqsija '*Allura kif qed tghid li Stephen kien jircievi dak l-eluf minghand huk u minghand min kien ibiegh, u qed tghid li kien fallut?*' u wiegbet '*Jekk Stephen u Chantelle kien ipejpu bl-addocc, imbghad jien kont dhalt il-programm u ma nafx x'sar minnhom dawk il-flus.*' Hija kienet ikkonfermat din l-istqarrija taht gurament. Charmaine Camilleri xehdet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena u elfejn u hdax (2011) dwar l-imputat qalet '*Stephen ma kienx jaqdi lili ghax hija dik il-habta kien qed jaghtih ammont ta' flus tajjeb u ma riedx li jkollu xi relazzjoni tal-glied minhabba hija*', huha huwa Joseph Camilleri bil-laqam 'Id-Diner'. Mistoqsija mill-Qorti '*Dan kollu li qed tghid inti, jigifieri Stephen kien jaghti lil Patrick in-Naqqu 50 gramma kull darba*' wiegbet '*Kull darba li kien jigi*' ma tafx kemm spiss izda '*Xi darbtejn f'gimgha*'. Qalet li '*Darbtejn rajtu jiena stess u kif kien jghid in-Naqqu wkoll hux*'. Mistoqsija '*50 gramma ta' xiex?*' wiegbet '*Kokaina ghall-pipa*'. Dan kien isir fid-dar tan-Naqqu. Kienu jinqdew minghand Patrick u joqghodu hemm hekk ipejpu 'l-coke'. Stephen kien jaghti lil Patrick in-Naqqu hamsin gramma kull darba. Tghid li huha stess kien jghid li qieghed jinqeda minghand Stephen. Ghalhekk jirrizulta mix-xhieda ta' din ix-xhud li ghalkemm Charmaine Camilleri qatt ma xtrat droga minghand l-appellant, hija kienet taf li

certu persuna maghrufa bhala 'Naqqu' u anke huha u cioe' Joseph Camilleri maghruf bhala 'id-Diner' kienu jixtru droga minghand l-imputat.

Din il-Qorti sejra issa tqis kemm l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u anke x-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti. L-istqarrija kienet rilaxxata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009). Ma jirrizultax li l-ammissibilita' taghha giet ikkontestata u ghalhekk sejra tqis din l-istqarrija bhala ammissibli bhala prova. F'din l-istqarrija l-imputat ikkonferma li ghandu l-laqam 'Il-Melliehi'. Ikkonferma li ghandu l-vizju tad-droga u li kien jiehu kokaina u li '*ilni fuq xi sena straight*'. Dwar it-tfitxija fir-residenza tieghu wiegeb '*Jien ma kontx naf bihom, jien lil Loraine zejda kienet hemm ghax kont ilni hmistax wieqaf.*' Jghid li Lorraine qal li '*mhux soltu tigi, jien is-soltu immure ghandha.*' u dan biex jiehu l-kokaina. Semma li kien ihallas mitt ewro ghal kull gramma izda kienet taghtih hafna bxejn. Spjega li ghandu dejn ma Loraine. Mistoqsi '*Nghid sewwa li lbierah int kont qieghed fl-appartament ta Mario il-Giza tpejjep il-Kokaina.?*' wiegeb '*Tghid sewwa mhux ma tghidx imma jien nifs hadt, aktar qadt naqsam qalbi.*' Fost affarijiet ohra stqarr li Mario ma kienx izomlu l-istess ghal kull gramma, 100, 110 jew 150 Ewro. Jghid li taht il-mija zgur li le. Huwa cahad li kellu Caravan Bahar ic-Caghaq u li kien isajjar u jbiegh id-droga min hemm. Il-Caravan jghid li xtrah minghand Joe, anzi li l-art kien tah ghax il-Caravan kien partu ma Clint il-Bigillu. Jghid li '*Veru li Joe d-diner kien biegh it-Taxi imma mhux biex jixtri minghandi. Veru li gieli hadna flimkien imma ghax kien jaghtijieli b'xejn.*' Mistoqsi '*Nghid sew li int ir-residenza ieghek u cioe' 83, Kaya, Triq in-Naxxar, Birkirkara ghamiltha kazin bin-nies dehlin u hergin ghandek biex jiehdu id-droga. U Dan ghandi numri ta registrazzjoni ta' karozzi li kienu jieqfu ghandek?*' Wiegeb '*Iva hadna flimkien, u jien kont insajjarha!*' Mistoqsi min kien ikun ghandu qal '*Il-putatti, il-Govus, Charmaine (id-diner), gie darba Patrick in-Naqqu u kien gab xi tlieta mieghu, Joe id-diner u il-mara tieghu, Pawlu tal-lambretta, Alston Abdilla gieli gie ukoll u anke il-pallettu.*' Dwar il-mizien li nstab cahad li tieghu u qal li '*la kien hemm Lorraine taghha zgur ghax dik tohrog kollox maghha.*'

L-Imputat fix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) qal li '*Jiena fil-hin li gew id-dar il-pulizija lanqas biss kont hemmhekk jiena u sabu xi mwiezen u hekk dawk mhux tieghi, lanqas finger prints minn*

*fuqhom ma hadu Sur Magistrat. Jiena l-affarijiet li sabu mhux tieghi dawn, jistghu jiehdu l-fingerprints minn fuq l-mwiezen, dawk tathomli certu wahda Loraine, jaf biha l-Ispettur jigifieri. Jiena linqas biss ma kelli la d-dar ma kelli fuq ismi, xejn dan, anqas kont hemmhekk jiena d-dar u resqu lili biss fuqha din il-bicca tax-xoghol.'* Xehed li '*Jiena tressaqt fuq traffikar tad-droga, jiena linqas one cent m'ghandi u linqas kelli. Anqas karozza ma kelli, ma nafx kif ikunu t-traffikanti tad-droga jien, jien ghamluli ... Sur Magistrata kollha traffikanti kbar dawn. Duncan Petroni naqbad bi tnax (12) il-kilo l-Brazil, ghadu l-Brazil hu u l-mara tieghu. kollha, Patrick Mangion, mhux mangion ma nafx x'kunjomu, kien ilu jbieh ma nafx kemm ghal xi seba' (7) snin droga u jien lanqas sabuli xejn. U lili ghamluli statement bil-Magistrat.*' In kontro-ezami qal li l-mizien kien gewwa '*Cara House, 83 Naxxar Road, Birkirkara.*' Xehed li '*Chantelle Mallia kienet toqghod hemmhekk u kont noqghod hemm imma dak iz-zmien ma kontx noqghod maghha li gejtu intom.*' Jghid li l-indirizz ufficjali dak iz-zmien kien 25, Costantion Street, Birkrikara. Jghid li ma nstabitx droga. Huwa cahad li harab mid-dar kif waslu l-pulizija u li l-pulziija telqu jigru warajh. Meta mistoqsi '*li dakinhar illi l-pulizija ghamlet raid illi kien hemm nies ukoll li huma assocjati mad-droga u kienu fid-dar tieghek*?' wiegeb '*Kien hemm, inti meta mort inti sibt lil Loraine u lil Chantelle sewwa u lil Tusu u iehor Natalino.*' Ma jafx x'kienu qeghdin jaghmlu, li ma kienx hemm. Cahad li kien isajrilhom '*il-coke*'. Xehed li '*Inti wkoll lili giegheltni naghmel statement . . .ghax ghidtli l-Giza ghamilli hasara.*' Jghid li '*Mhux ma Chantelle sibthom mhux mieghi sur Spettur.*' Jghid li '*Kien jigu jaghtuni d-droga ghax jien ma kellix flus biex nixtri.*' Jghid li '*Kienu jigu jaghtuni*'. Jghid li '*Konna nsajruha u nohduha flimkien, jien kont nohodha maghhom jiena.*' Jghid li ma kienx isajjar, huma jigu u jiehduha flimkien. Mistoqsi dwar mohba fid-dar, qal li kullimkien kien hemm mohbiet, '*mhux kulhadd ikollu mohna*'. Jghid li '*Ma kellix mohbiet jiena ghax lili ma sibtli xejn.*' Mistoqsi dwar il-mohba li kellu fil-kcina taht is-sink, x'kien fiha, jghid li xejn ma kien jaghmel fiha ghax ma kellux. Huwa cahad li kien ibieh u jittraffika d-droga minn god-dar tieghu u cahad li kien anke isajarha u jorkestra u jlaqa nies id-dar.

Ikkunsidrat;

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li ma nstab xejn fid-fond in kwistjoni u li huwa ma kienx prezenti, l-Ispettur Elton Taliana xehed fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) li '*Wara li jiena u l-ispettur Robert Vella konna ilna xi xhur*

*qabel is-27 ta' Marzu 2009 u wara li konna rcevejna informazzjoni diskreta minn diversi nies, bdejna nosservaw il-post 83 Kaya, Naxxar Road, B'Kara fejn hemm hekk kienet ir-residenza fejn joqghod Stephen Borg li huwa prezenti fl-awla u qed ngharfu u flimkien kien joqghod ma Chantelle Mallia u t-tifla taghhom Kaya.'* Xehed li '*ahna konna qed naraw u mill-investigazzjoni rrizulta li kienu qed jieqfu diversi karozzi, jidhlu gor-residenza ta' Stephen Borg u fil-fatt meta ahna konna nircevu l-complaints minghand in-nies kienu li dan kien qed ikun hemm hafna attivita go din id-dar. Ghaldaqstant ahna bdejna inkellmu xi nies. Fil-fatt anke wara investigazzjoni wara li kont ressaqt lil certu Patrick Borg il-Qorti, dan beda jghidli minn fejn xtara d-droga u qalli li xtraha minghand Stephen Borg. Fil-fatt dan kien ghamel stqarrija ohra minn jeddu u fil-fatt kien gguramentaha wkoll.*' Xehed li '*Duncan Petroni u Silvia*' ukoll irrilaxxaw stqarrija u gguramentawha. Kellhom mandat ta' arrest u tfittxija u kellhom informazzjoni li Stephen Borg kien qed ikun ma certu Mario Farrugia u li dawn setghu kienu qed jixtru d-droga minghand xulxin jew Stephen minghand Mario jew bil-kontra u gabu mandat iehor biex huma dak inhar stess ikunu jistghu jaghmlu t-tfittxijiet f'daqqa. L-ewwel li ghamlu tittxija kien go l-appartament f'Santa Venera, xehed li '*l-Ispettur Robert Vella telaq flimkien ma xi nies tad-distrett tar-Rabat li marru huma f'dan il-post imsemmi 83 Kaya Triq in-Naxxar B'Kara u jiena dak il-hin kont ghadni prezenti St Venera. Ftit hin wara qalli li kien dahal fil-post u gol-post kien hemm Chantelle Mallia, Lorraine Vella, Joseph Calleja u Natalino Azzopardi li dawn kif dahlu, ppanikkjaw, kellhom xi mizien u rmewh fil-kamra tal-banju, kellhom xi droga fuq il-mejda rmewha u hemm hekk kif infurmani jien mort go din l-istess residenza. Fil-fatt fuq tfittxija li ghamilna fuq Lorraine Vella instabu madwar 3500 Euro u ghal daqstant ahna ergajna infurmajna lill-Magistrat u fil-fatt l-istess esperti li kien hatar ghall-flat ta' St Venera rega inkarighm biex jkunu jsitghu jahdmu fil-post ta' B'Kara u fil-fatt gew hemm hekk u l-affarijiet kienu gew elevati.*' Xehed li Stephen Borg ma kienx hemm pero' rrizulta li kien ghadu kif hareg ftit qabel. Jghid li jigifieri wara li telaq mid-dar ta' Mario Farrugia kien mar id-dar u mbaghad hareg, u zammew lil Chantelle Mallia arrestata. Pruvaw iffitxuh u ma setghux isibu lil Stephen Borg ghax kien qieghed xi mkien qed jistahba mill-pulizija pero' l-ghada cemplulu u rnexxielhom jikkuntatjawh bit-telefon u qalulu li Chantelle arrestata u li rieduh jigi l-ghassa. Huwa kien gie u kienu resquh.

L-Ispettur Robert Vella fis-seduta tal-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed li '*Wara li jiena u l-ispettur Taliana fl-ahhar xhur rcevejna xi nformazzjoni diskreta, konna bdejna nahdmu u nosservaw residenza 83 Triq Naxxar B'Kara li fiha kien jghix l-imputat Stephen Borg li qed ngharaf hawn fl-awla. Waqt li bdejna bl-investigazzjonijiet, ahna bdejna inkellmu diversi nies. Hadna wkoll xi stqarrijiet guramentati u wasalna ghall-gurnata li fiha tajna r-raid gewwa l-ewwel post li kien il-post ta' St Venera ghand Mario Farrugia u eventwalment fl-istess gurnata bqajna sejrin naghmlu tfittxija fid-dar 83 Triq in-Naxxar B'Kara li hija ta' Stephen Borg. Ahna dak inhar gibna mandat t'arrest u tfittxija..*' Dan il-mandat gie pprezentat bhala Dok. RV. Spjega dak li instab fir-residenza ta' Santa Venera. Spjega li '*morna id-dar ta' Stephen Borg gewwa B'Kara. Kif wasalt fuq il-post jiena kien hemm tieqa fil-bieb ta' barra li ftahtha u nnutajt li kien hemm xi persuni gewwa u x'hin raw li waslu -pulizija, dawn dehru li kellhom panic kbir u rajt hafna giri. In the meantime ahna lhaqna dhalna. Fuq il-mejda jiena sibt diversi affarijiet relatati mad-droga, fosthom foil, pipi karti tal-plastic zghar u anke mharfa. Fuq il-post kien hemm erba' persuni. Dawn kienu Lorraine Vella, Chantelle Mallia li hija t-tfajla ta' Stephen Borg, Natalino Azzopardi u anke Joseph Calleja maghruf bhala t-Tusu.*' Fil-kamra tal-banju instab mizien digitali mal-art ukoll. Xehed li fil-hand bag ta' Lorraine Vella instabu ammont ta' flus li jammontaw ghal madwar tlett'elef u hames mitt ewro (€3500). Fil-kcina instab ktieb li fuqu hemm indikati diversi ismijiet u cifri imnizzlin hdejhom. Fil-kamra tas-sodda instab djarju li f'pagna minnhom ukoll kellu xi ismijiet u xi cifri imnizzlin hdejh. Spjega li Stephen Borg ma kienx prezenti ghat-tfittxija.

Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu a fol 361 et sequitur, senjatament a fol 369 ikkonkluda:

'*a) Li ma nstabux sustanzi illegali fuq zewg bicciet foil li kienu hemm fid-dokument 377/09/02, iz-zewg bicciet plastik li kien hemm fid-dokument 377/09/03, fuq zewgt imwies li kien hemm fid-dokument 377/09/04, il-bicca plastik li kien hemm fid-dokument 377/09/05, il-likwidu trasparenti li kien hemm fid-dokument 377/09/08 u l-likwidu trasparenti li kien hemm fid-dokument 377/09/10;*

*b) Li l-likwidu trasparenti li kien hemm fid-dkument 377/09/02 instab li kien ammonia solution. Ghalkemm din is-sustanza mhiex ikkontrollata bil-ligi tista' tigi wzata sabiex issir il-Kokajina crack;*

*c) Li fuq il-bicca foil li kien hemm fid-dokument 377/09/01 instabet fuqha s-sustanza 6-monacteylmorphine. Din is-sustanza hija prodott tad-degradazzjoni tas-sustanza Herojina;*

*d) Li nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq imgharfa li kien hemm fid-dokument 377/09/06, go tubu tal-metall li kien hemm go flixkun tal-plastik (water pipe) fid-dokument 377/09/07, go straw li kien hemm ma flixkun tal-plastik (water pipe) fid-dokument 377/09/09 u l-mizien elektroniku li kien hemm fid-dokument 377/09/11. Is-sustanza Kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Fir-relazzjoni ta' Dr Marisa Cassar immarkata bhala Dok MC a fol 504 et sequitur ikkonkludiet li '*Mill-kampjuni analiżżati ħafna drabi ħarġu profili parzjali mħalltin. Fil-kampjuni kollha ma jistax jiġi eskluż li wieħed mill-kontrobututri huwa raġel.*' Ghalhekk giex stabbilit jekk id-DNA fuq l-oggetti ezaminati kinitx tal-appellant. Din il-Qorti izda ma hijiex tal-fehma li dan il-fatt ifisser li l-akkuzi ma gewx pruvati sufficentement.

Jirrizulta kjarament li diversi persuni xehdu li kienu jixtru l-kokajina minghand l-appellant, b'uhud minnhom jghidu li kienu anke jaghmlu 'sharing' u ohrajn li jghidu li qatt ma xtraw minghand l-imputat. Minkejja li Duncan Robert Petroni specjalment in kontro-ezami xehed li kien isir sharing mal-appellant, huwa car li dan ma kienx kaz ta' semplici sharing u cioe' li persuna jkollha droga fuqha u taqsam din id-droga ma xi hadd, izda li filfatt Duncan Robert Petroni jghid li kien ihallas lill-appellant ghal din id-droga. Xhieda ohra bhal Patrick Borg, Clifford Borg u Joseph Camilleri maghruf bhala 'Id-Diner' jikkonfermaw li xtraw droga minghand l-appellant. Charlene Camilleri ghalkemm tghid li ma xtratx droga minghand l-appellant, tikkonferma li huha Joseph Camilleri maghruf bhala 'id-Diner' kien jixtri minghand l-appellant. Joseph Callejja minn naha l-ohra jichad li xtara droga minghand l-appellant. Jirrizulta mix-xhieda prodotti li diversi nies nefqu eluf ta' flus u halsu direttament lill-appellant ghal din id-droga. Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis jekk l-

Ewwel Qorti kinitx korretta li ssib lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Dorothy Refalo'**[8]:

*'Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.*

*Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil- konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il- **Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir- raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l- Prosekuzzjoni.*

*Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ' roof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean roof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is ossible but not in the least robable', the case is roved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl- ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Gunju, 2017 (Numru: 65/2011)

*spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kongfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal- fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.'*

Jirrizulta li ghalkemm fix-xhieda moghtija mill-appellant huwa jipprova jiddistanza ruhu mir-residenza fejn saret it-tfittxija tant li jaghti x'jifhem li ma kienx jghix hemm, huwa fl-istqarrija rilaxxata minnu ma kkontestax il-fatt li l-Pulizija jallegaw li l-appellant kien qieghed jirrisjedi fir-residenza gewwa Birkirkara. Is-Scene of Crime Officers Ps 239 Joseph Caruana u PS 404 Paul Camilleri fir-relazzjoni taghhom u senjatament a fol 245 spjegaw li meta accedew fuq il-post kien hemm ukoll '*sid il-fond Chantelle Mallia...*' Skont ma jirrizulta minn Dok SB 20 a fol 64 tar-rapport ta' Dr Vincent Galea kien hemm redirection ta' oggett postali ta' Stephen Borg minn '*Paceville Crt A # 6, Triq Ball, San Giljan ghal 83, Kaya, Triq in-Naxxar, Birkirkara Valida minn 6/04/06 sa 5/04/07*' u ghalhekk mhux fiz-zmien mertu tal-akkuza. Dan izda ma jfissirx li l-appellant ma kienx qieghed jirrisjedi jew li ma kienx ikun prezenti f'dan il-fond u cioe' Kaya, Naxxar Road, Birkrikara. Id-difiza tal-appellant hija bbazata fuq il-fatt li ma nstabx prezenti waqt it-tfittxija, li l-oggetti ma kienux tieghu u li kienu dawk li xehdu kontrieh li kienu jbieghulu d-droga u mhux vici versa. Din il-Qorti anke jekk kellha tiskarta l-fatt jekk l-appellant kienx qieghed jirrisjedi fil-fond fejn saret it-tfittxija jew li l-oggetti li nstabu ma kienux tieghu, din il-Qorti ssibha difficli biex temmen li x-xhieda kollha li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ma qalux il-verita'. Dan ma huwiex kaz fejn persuna wahda taghmel allegazzjonijiet fil-konfront ta' ohra, izda kaz ta' numru ta' xhieda li xehdu li l-appellant kien jbieghilhom xi droga u f'xi waqtiet kien anke jsajjarilhom bil-lest. Il-fatt li wiehed ikollu l-vizzju tad-droga ma jfissirx li ma kienx jittraffika. Ghalkemm xhieda bhal Duncan Robert Petroni xehed li kienu jaqsmu d-droga, jirrizulta ukoll li l-intenzjoni ma kinitx biss ta' *sharing* izda li l-appellant biegh ammonti diversi ta' kokaina lil diversi nies inkluz lil Petroni stess.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija v. Marco Galea</u>'**[9]:

'*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad- definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-doga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c- cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall- ewwel darba[10], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*

**8.** *Issa, fil-kaz in dizamina, certament huwa nieqes l- element ta' "sharing" kif hawn aktar 'l fuq spjegat. L- appellat Galea xtara mhux biss ghalih, izda wkoll ghal Caruana, li hallsitu ghal dak li kien xtralha. Proprjament anqas jirrizulta sodisfacentement li Galea xtara ghalih ukoll f'dik il-gurnata, ghax fl-istqarrija tieghu hu nnega li f'dik il-gurnata kien xtara l-erojina. Fi kliem iehor, Galea pprovda d-droga lil Caruana, versu l-korrispettiv ta' hlas, u din marret tehodha waheda fit-toilet ta' l-istabbiliment aktar 'l fuq imsemmi. Ma kienx, ghalhekk, il-kaz li Galea kien qed jaqsam id-droga li kellu ghalih ma' Caruana – hu xtralha sehemha appozitament ghaliha, u kien nieqes ukoll l-element ta' "l-istess post". Konsegwentement l-ewwel qorti kienet skorretta meta applikat l-imsemmi l- ewwel proviso tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101, u l-appell interpost mill-Avukat Generali ghandu jintlaqa'.*'

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 2008 (Appell Kriminali Numru: 327/2007)

[10] Ara it-tieni *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-*proviso* li jigi minnufih qabel dan." (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

Ghalkemm l-appellant ma nstabitx fuqu l-ebda droga u l-fatt li l-appellant li ma nstabx fir-residenza in kwistjoni meta saret is-sejba, dan ma jiffisrx li ma setghax jinstab hati mhux biss li ttraffika jew forna izda anke li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u dan abbazi tax-xhieda li xehdu. Anke jekk din il-Qorti kellha tiskarta kwalunkwe oggett li nstab fir-residenza tieghu inkluz oggetti li kellhom tracci ta' droga kokaina u anke l-mizien li nstab, id-dikjarazzjonijiet u x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu bizzejjed sabiex l-appellant jinstab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Din il-Qorti ghalhekk issib li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-ewwel u cioe' li forna jew ipprokura jew offra li jforni u jipprokura d-droga kokaina u t-tieni akkuza cioe' dik ta' pussess ta' droga kokaina, b'dan li din hija kompriza u nvoluta.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-piena mposta mil-Ewwel Qorti. Il-Qorti kkundannat lill-appellant piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) snin u multa ta' tmint'elef Ewro (€8000) konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi jekk mhux imhallsa. Ordnat ukoll il-konfiska u distruzzjoni ta' kull haga esebita li hija relatata mad-droga u d-distruzzjoni tad-droga kif ukoll ikundannat lill-appellant jhallas l-ispejjez peritali kif likwidati mill-Qorti ukoll konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi jekk mhux imhallsa.

L-appellant fl-appell tieghu ssottometta ukoll li *sharing* ma jikkwalifikax ghal piena harxa ta' sitt (6) snin prigunerija, izjed u izjed li ma rrendiex ruhu recediv. Jaghmel referenza ghal kaz kontra Richard Attard fejn gie kkundannat piena ta' prignerija hafna anqas minkejja li l-appellant ma nstabitlux droga fil-pussess tieghu jew hwejjgu. Din il-Qorti terga temfasizza li l-provi juru li dan ma kienx biss kaz ta' sharing izda anke ta' bejgh u cioe' traffikar ta' droga.

L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza kontra Richard Attard. Din il-Qorti qieghda tifhem li d-difiza kienet qieghda taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Assisent Kummissarju Norbert Ciappara VS Richard Attard, iben il-mejjet Joseph Paul u Virginia nee' Bugeja, imwieled il-Floriana nhar l-4 ta' April, 1953, residenti fil-fond Ta' Guza, Triq il-Gnien, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita' numru 284453M'**[11] fejn l-imputat f'dik il-kawza kien ikundannat sentejn u nofs prigunerija u multa ta' hamest'elef ewro (€5000) flimkien mal-ispejjez peritali. Dik il-Qorti kienet ghamlet diversi kunsiderazzjonijiet, fosthom tal-fatt li '*mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, instabu diversi boroz tal-plastic bi trab abjad, tant illi maghduda flimkien il-kokaina misjuba kienet tammonta ghall-piz ta' 166.246 grammi; ammont pjuttost sostanzjali. Daqstant iehor kien sostanzjali l-ammont ta' pilloli ecstasy misjub ghand l-imputat, erba' mija (400).*' Ikkunsidrat '*ukoll dwar il-piena, l-eta' tal-imputat, il-marda, kundizzjoni li taghha kien qieghed jircievi kura, b'dan pero li ma tistax ma tfakkarx il-hsara li l-pussess ta' tali ammont ta' droga ggib fuq is-socjeta'*'

L-appellant fit-trattazzjoni tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) (Spettur Robert Vella) vs. Mario Farrugia'**[12] fejn din il-Qorti qieghda tifhem li uhud mix-xhieda li xehdu fil-kawza odjerna xehdu ukoll fil-procedura kontra Mario Farrugia u fejn il-kaz jirrigwarda t-tfittxija li saret fir-residenza gewwa Santa Venera fejn sussegwentement fl-istess jum saret tfittxija fir-residenza gewwa Birkirkara allegatament fejn kien jirrisjedi l-appellant. Il-Qorti f'dak il-kaz kienet ikkundannat lil Mario Farrugia ghal perjodu ta' tnax-il xahar prigunerija u ghal hlas ta' elf u hames mitt ewro (€1500) u hlas tal-ispejjez tal-esperti. Jirrizulta li l-Pulizija sabet diversi oggetti relatati ma droga kif ukoll droga fir-residenza ta' Mario Farrugia. Il-Qorti f'dik is-sentenza hadet in konsiderazzjoni diversi aspetti meta giet biex tikkunsidra l-piena inkluz li rrizulta li waqt li kien qieghed jiskonta piena ta' prigunerija, huwa spicca programm li ghamel mal-Caritas.

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Mejju, 2014 (Numru 594/2007)

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 2019 (Numru 302/2009)

Instab ukoll hati li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz odjern izda ma tressqet l-ebda prova li l-appellant Stephen Borg irnexxielu jgheleb il-vizzju tad-droga jew li kien hemm xi kambjament ghall-ahjar fl-agir jew stil ta' hajja tieghu. Ghalkemm fl-istqarrija rilaxxata mill-appellant fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), huwa jghid li ilu '*straight*' xi sena, ftit wara fl-istess stqarrija jghid li '*kien ilni hmistax wieqaf*', din il-Qorti ma tistax tqis kredibbli dawn id-dikjarazzjoni kunfliggenti.

Din il-Qorti tishaq li l-piena trid tirrifletta l-gravita' tar-reat u tissottolinea li anke f'kazijiet fejn l-imputazzjonijiet ikunu identici, kull kaz fih il-fattispeci tieghu bhal kif kull akkuzat ghandu l-istorja tieghu. Ghalhekk akkuzat ma jistax jippretendi li l-piena tkun l-istess bhal piena li tkun inghatat lil akkuzat iehor. Minn naha l-ohra din il-piena trid mhux biss tkun wahda proporzjonata izda anke li ma jkunx hemm diskrepanza kbira meta c-cirkostanzi ikunu simili.

Din il-Qorti tqis li kien hemm numru ta' xhieda li kkonfermaw li kienu jixtru droga minghand l-imputat. In oltre' din il-Qorti tqis ukoll li ghalkemm l-fedina penali tal-appellant hija wahda refrattarja, l-Ewwel Qorti ma sabitux hati tal-aggravanti tar-recediva. Ghalhekk hija tal-fehma li tenut kont ta' dan u anke tal-fatt li hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-piena imposta fuq l-appellant u dik imposta fuq Mario Farrugia fis-sentenza sucitata, ghandha tordna tnaqqis fil-piena minn dik ordnata mill-Ewwel Qorti. Liema piena sejra xorta kif wara kollox hija tassattivament obbligata li taghmel din il-Qorti, tkun piena ta' prigunerija effettiva flimkien ma' multa.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma l-htija tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, kompriza u involuta, qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi u ghal multa ta' tmint'elef Ewro (€8000) u qieghda minflokk tikkundanna lill-appellant ghal tlett (3) snin prigunerija effettivi u multa ta' tlett'elef ewro (€3000) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk ma jigux imhallsa.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni maghmulha mill-Ewwel Qorti *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tlett'elef, sitt mija u tletin Ewro u tnax-il centezmu (€3,630.12) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tikkonferma ukoll l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga KB 338.2009 sakemm l-Ufficjal Prosekutur ma jiddikjarax, permezz ta’ nota li ghandha tigi maghmula mhux aktar tard minn hmistax il-jum mil-lum li l-istess droga hija mehtiega ghal proceduri ohrajn pendenti jew li ser jinfethu kontra terzi persuni.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur